MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2013

Numru. 553/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs.**

**Giuseppe Covato**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba Giuseppe Covato ta’ 22 sena, iben Valerio u Maria Palazzolo, imwieled gewwa Modica fit-18 ta’ Lulju 1991, residenti gewwa Nru 4, Via A. Giunta, Pozzallo, Sqallija u detentur ta’ karta tal-identita’ Taljana nru AM 4546070.

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn is-26 u s-27 t’Ottubru 2013:-

*1.* Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza ghandha tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u wissietu li l-piena massima hija ta' sena prigunerija u multa u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, u l-fatt li huwa kkopera mal-pulizija – pero irid jinghad ukoll li l-imputat inqabad *red-handed* mill-pulizija.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal multa ta' hames mitt Euro (€500) li ghandha tithallas minnufih, u fin-nuqqas, ghandha tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga ezebita tigi distrutta taht is-supervizjoni tar-registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------